3 ta' Mejju, 1957 *

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Lorenzo Dalmas et. vs. *versus* Publio Stellini et.

**Serviġi — Gratuwità — Ulied u Ġenituri**

*Il-prinċipju li s-serviġi għandhom jiġu ritenuti prestati "pietatis vel familiaritatis causa" huwa applikabbli biss fil-każ li r-rapporti bejn dawk li pprestawhom u l-persuna favur tagħha prestati jkunu intimi ta' demm, ħbiberija u affezzjoni kbira, u kemm il-darba dawk is-serviġi, għalkemm ikkaġunaw inkomodu kbir lil min ipprestahom, ma kkaġunawlux però perdita materjali. Il-preżunzjoni tal-gratuwità tas-serviġi tirċievi l-applikazzjoni tagħha b'saħħa akbar meta akbar u iżjed intimi jkunu rapporti tad-demm fuq imsemmija bejn il-persuni nteressati.*

*Is-serviġi u assistenzi li l-ulied, anki b'sagrifiċċju kbir, jipprestaw lill-ġenituri tagħhom, ma jistgħux jiġu ritenuti motivati minn skop ta' lukru jew interess, iżda minn dak l-obligu li jitnissel mill-istess liġi tan-natura, u li għandu l-fondament tiegħu fl-imħabba diżinteressata u fir-rispett li l-ulied għandhom ikollhom għall-ġenituri tagħhom. Liema mħabba u rispett, akkoppjati mal-gratitudini għall-kuri, premuri, u sagrifiċċji u tbatijiet tal-ġenituri biex irabbu u jedukaw lill-uliedhom, huma suffiċjenti biex jiġġustifikaw l-assenza ta' kwalunkwe intenzjoni jew skop ta' ħlas għal dawk l-assistenzi li l-istess ulied jipprestaw lill-ġenituri tagħhom meta dawn jiġu bżonnhom.*

* B'digriet tat-28 ta' Ġunju 1957 ġie mogħti lill-atturi l-permess li jappellaw minn din is-sentenza quddiem il-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina.

Il-Qorti;— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-attriċi u l-konvenuti huma eredi tal-mejjet Salvatore Stel-

lini, li miet fis-7 ta'Novembru, 1952; u peress illi l-atturi, mill-bidu ta' Jannar tas-sena 1943 sa Awissu tas-sena 1952, ipprestaw lill-imsemmi Salvatore Stellini serviġi, kuri u assistenzi, kif ukoll għamlu xi spejjeż għalieh; u peress illi l-istess Salvatore Stellini kien jipprometti illi jikkompensa lill-atturi ta' dak kollu li kienu jegħdin jagħmlu miegħu, iżda baqa' biex ma kkompensahomx; talbu li jiġi likwidat il-kumpens li jistħoqq lill-atturi tas-serviġi, kuri u assistenzi minnhom reżi lill-mejjet Salvatore Stellini matul il-peridu fuq imsemmi u tal-ispejjeż li għamlu għalieh; u li l-konvenuti jiġu kundannati biex iħallsu lill-atturi, fil-proporzjon tas-sehem tagħhom fil-wirt tal-imsemmi Salvatore Stellini, is-somma hekk likwidata; bl-interessi legali mis-sentenza li tingħata u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Frar, 1952, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-10 ta' Novembru, 1956, li biha ġiet milqugħa l-ewwel talba tal-atturi, limitatament għall-perijodu mit-18 ta' Awissu, 1944 sa Awissu, 1952, u ġie likwidat il-kumpens u l-ispejjeż lilhom dovuti mill-konvenuti fis-somma ta' £894. 11. 11 u 1/3d.; u l-istess talba ġiet respinta għall-kumplament; ġiet milqugħa t-tieni talba, billi l-konvenuti Publio Stellini, Marianna Conti, Antoinette Chircop, u Teresa Tabone ġew kundannati jħallsu lill-atturi £178. 18. 4 u 2/3d. kull wieħed, u l-konvenuti Dr Wilfred u Joseph aħwa Stellini £89. 9. 2 u1/3d. kull wieħed, bl-imgħax legali mill-jum tas-sentenza; u ġie ordnat li l-ispejjeż jitħallsu ħames parti minn disgħa u għoxrin (5/29) mill-atturi, u erbgħa u għoxrin parti minn disgħa u għoxrin (24/29) mill-konvenuti bejniethom skond il-kundanna rispettiva ta' kull wieħed minnhom; wara li kkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, ikkonkjuda li t-talbiet tal-atturi huma fondati fid-dritt u fil-fatt. u li l-atturi għandhom jieħdu minn għand il-konvenuti,

għar-raġunijiet esposti fl-att taċ-ċitazzjoni, is-somma ta' £1668. 15. 0, li, kif sewwa rrilevaw l-atturi fin-nota tagħhom fol. 170, hija inkorretta u jmissha tkun £1708. 15.0, minħabba żball ta' kalkolu fil-kwota sopportabbli mill-attriċi bħala waħda mill-eredi ta' Salvatore Stellini;

Illi l-konvenuti jinsistu fuq l-eċċezzjoni li l-atturi rrendew dawk is-serviġi "familiaritatis causa", u kwindi ma jisthoqqilhomx ebda kumpens. Huwa veru li l-vinkolu talparentela bejn min jippresta s-serviġi u min jirċevihom huwa fondament attendibbli tal-preżunzjoni tal-gratuwità ta' dawk is-serviġi. iżda din il-preżunzjoni mhix assoluta, u tista' tiġi eskluża meta jiġi pruvat li min irrendihom kellu f'dak iż-żmien l-intenzjoni li jitħallas; u dan għaliex l-"animus donandi" u r-rinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu preżenti, lanqas bejn konsangwinei u affini (Kollez. XXV-I-35; XXXIV-I-96). Issa, irriżulta mill-provi li meta l-atturi kienu sejrin jiżżewġu, Salvatore Stellini ried li joqgħodu miegħu, għax qal li ma kellux min jieħu ħsiebu, u li, wara li huwa assikurahom li kien sejjer jikkompensahom, l-atturi aċċettaw (fol. 13); liema promessa tenniha anki wara ż-żwieġ tagħhom (fol. 33). Konferma indiretta li Stellini ried lill-atturi miegħu nsibuha filli max-xhud Saveria Vella (fol. 53) huwa dejjem faħħar lill-attriċi, u kien jgħid li Alla ħares ma kienetx hija għalieħ; eppure Salvatore Stellini kien bniedem li ma kien ifaħħar lil ħadd (v. depożizzjoni Carmelo Pirotta fol. 49);

Illi l-konvenuti, fin-nota tagħhom fol. 159, irrilevaw li l-atturi ma setgħux kellhom l-intenzjoni li jitħallsu, minhabba d-donazzjoni li saret minn Salvatore Stellini fil-25 ta' Jannar 1952 (fol. 58), il legat "a limine intus" imħolli favur l-attriċi b'testment tat-8 ta' April 1937 (fol. 178), u l-fatt li hu ħalla lill-atturi jirtiraw mill-War Damage Commission l-indenizz relattiv għall-mobbli distrutti bilgwerra;

Kwantu għad-donazzjoni, apparti milli din saret favur il-konvenuti kollha, din saret meta s-serviġi kienu għod-

dhom spiċċaw, u għalhekk mhux preżumibbli li l-atturi kellhom fil-bidu dina d-donazzjoni in vista, meta din saret bosta snin wara; u mhux preżumibbli, u lanqas pruvat, li huma kienu jafu li dik id-donazzjoni kienet sejra ssir; Kwantu għall-legat, dan sar bosta snin qabel ma bdew isservigi, u meta Salvatore Stellini kellu l-mara ħajja; u fittestment ma jingħadx, u ma setgħax jingħad, li l-legat kien rimuneratorju. Kwantu għall-kumpens tal-War Damage Commission, dan hu, sostanzjalment, il-konsegwenza talimsemmi legat. F'dana r-rigward ta' min jiftakar illi l-attriċi xehdet li hija daret b'Salvatore Stellini mhux biss bħala missierha, iżda anki għax kienet taħseb li jagħtiha xi ħaġa (fol. 33);

Konsegwentement, il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi kellhom intenzjoni li jitħallsu tas-serviġi in kwistjoni, almenu għall-perijodu ammess mill-perit legali, jiġifieri mit-18 ta' Awissu il-quddiem;

Illi l-atturi, fin-nota tagħhom fol. 168, jilmentaw li ġew mill-perit esklużi dwar il-kumpens għall-ewwel perijodu, jiġifieri mill-bidu ta' Jannar 1943 sas-17 ta' Awissu 1944; iżda l-Qorti taqbel mal-perit, għaliex ma rriżultax biż-żejjed li huma kellhom allura l-intenzjoni li jitħallsu; del resto, skond l-istess atturi (fol. 13 u 33), Salvatore Stellini kien wiegħdhom kumpens meta kienu ser jiżżewġu, u mhux qabel; u lanqas jidher li qabel dina l-kawża kien hemm pretensjoni simili, kif jidher mill-ittra tal-attur tal-25 ta' Awissu 1953 (fol. 164), fejn il-kumpens għal dan il-perijodu mhux imsemmi;

Illi, dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens magħmula millperit, l-atturi, salv dak li ġa ntqal, aderew għall-konklużjonijiet minnu raġġunti (v. nota fol. 168); iżda l-konvenuti ssottomettew illi l-ammont likwidat huwa eżaġeratissimu (ara nota fol. 162) .........;

*Omissis;*

Illi konsegwentement il-kumpens għas-serviġi u l-ispejjeż in kwistjoni jilħqu b'kollox £1073.10.4, li minnhom l-attriċi għandha tissopporta s-sesta parti, ekwivalenti għal £178.18.4 u 2/3d. bħala waħda mill-eredi ta' Salvatore Stellini; u b'hekk il-bilanċ dovut mill-konvenuti, ratealment, jammonta għal £894.11.11 u 1/3d.;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti, u rat il-petizzjoni tagħhom, fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata billi jiġu respinti t-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

Rat ir-risposta tal-atturi, li pprevalew ruħhom mill-appell avversarju u appellaw inċidentalment, u talbu r-riforma tal-imsemmija sentenza fis-sens (a) li tiġi revokata fejn ċaħdet it-talba tagħhom għall-kumpens tas-serviġi minnhom reżi tul il-perijodu mill-bidu ta' Jannar 1943 sas-17 ta' Awissu 1944, billi l-konvenuti jiġu kundannati jħall-suhom kumpens li jiġi likwidat minn din il-Qorti għas-serviġi reżi minnhom tul dak il-perijodu; (b) tiġi respinta fejn ikkundannat il-konvenuti iħallsu lill-atturi kumpens ta' 10s. kuljum għaż-żmien minn Ġunju 1946 sa Ġunju 1949, billi għas-serviġi reżi matul dan iż-żmien il-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-atturi kumpens iżjed minn 10s. kuljum, kif jiġi likwidat minn din il-Qorti; (ċ) tiġi riformata fejn ikkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma ta' £62 bħala kumpens tas-serviġi minnhom reżi tul iż-żmien mit-18 ta' Ġunju 1949 sa Settembru 1952, billi għas-serviġi reżi tul dan iż-żmien il-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-atturi ammont li jiġi likwidat superjuri għal £62; u (d) tikkonferma l-istess sentenza fil-partijiet l-oħra kollha tagħha; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta mill-provi li l-attriċi Paolina kienet l-iżgħar waħda mis-sitt itfal ta' Salvatore Stellini. Fis-sena 1942 il-

ħames tfal l-oħra kienu diġa' miżżewġin, u Paolina kienet għadha xebba ma' missierha. Magħhom kellhom lil Carmela Pace bħala seftura;

Għall-bidu tas-sena 1943, l-imsemmija Paolina ltaqgħet mal-attur l-ieħor Lorenzo Dalmas; wara ftit tgħarrsu, u żżewġu fil-11 ta' Awissu 1944. Matul din l-għerusija, Lorenzo Dalmas jgħid li ppresta assistenzi lil Salvatore Stellini, billi kien jgħinu jinżel u jitla' mix-xelter meta kien ikun hemm attakki mill-ajru. F'hix kienet tikkonsisti dik l-assistenza ma jirriżultax ċar, billi l-istess Dalmas kellu jammetti (fol. 21) li Salvatore Stellini kien fiżikament f'saħħtu, jiġifieri kien jiflaħ jinżel u jitla' fix-xelter. Qal ukoll li fis-sena 1943 l-"air raids" naqsu konsiderevolment;

Meta Paolina u Lorenzo Dalmas waslu biex jiżżewġu, Salvatore Stellini xtaq li joqgħodu miegħu, u huma kkuntentawħ, u qagħdu miegħu għal kważi ħames snin, jiġifieri sa Ġunju 1949, meta huma marru joqgħodu għal rashom Birkirkara, u ħallew lil Stellini waħdu mal-imsemmija seftura Carmela Pace, li baqgħet sakemm mietet, f'Lulju 1952, iddur biħ u tipprestalu s-serviġi u l-assistenzi li kellu bżonn;

Fis-sena 1946, Salvatore Stellini xtara motor car, li aktarx kien isuqha Lorenzo Dalmas biex joħroġ biha lill Stellini, u kienet tiġi wżata wkoll għall-bżonnijiet tal-istess Dalmas;

Matul il-perijodu li l-atturi kienu jabitaw ma' Stellini, kellhom tarbija. Matul l-istess perijodu, skond ix-xhieda tal-attur Lorenzo Dalmas (fol. 12), l-ebda servizz ma kienu jipprestawlu lil Stellini meta ma kienx marid; kienu jagħtuh biss l-ikel u l-mediċini. Meta kien iħossu ħażin, kienu jipprestawlu l-assistenzi personali li jkollu bżonn, kienu jikkalmawħ meta, bl-għajjat jew bi ħsejjes oħra bil-lejl, kien jinkomoda lill-ġirien; u meta kien ikun f'saħħtu kienu jżommulu kumpannija; meta fil-għaxija s-seftura kienet toħroġ, kienu joħorġu miegħu bil-car; u għal ċirka għaxar xhur Lorenzo Dalmas kien iqaxxarlu l-leħja darbtejn fil-ġimgħa;

Salvatore Stellini kien ottwaġenarju, u milli jidher kien bniedem nervuż għall-eċċess. Mix-xhieda ta' Saverina Vella (fol. 53) irriżulta li l-imsemmija Carmela Pace qatt ma ħadet frank ġranet kontinwi. Għas-seriviġi fuq imsemmijin, minnhom pretiżi prestati, l-atturi kienu nterpellaw lil Salvatore Stellini biex iħallsilhom kumpens; u Stellini ħadha bi kbira li huma allegaw simili pretensjoni; u pproċeda kontra tagħhom b'kawża ta' jattanza;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġie ripetutament affermat minn din il-Qorti (Vol. XXX-I-47; Vol. XXXI-I-227), il-prinċipju li s-serviġi għandhom jiġu ritenuti prestati "pietatis vel familaritatis causa" huwa applikabbli biss fil-każ li r-rapporti bejn dawk li pprestawhom u l-persuna favur tagħha prestati jkunu intimi ta' demm, ħbiberija u affezzjoni kbira, u kemm il-darba dawk is-serviġi, għalkemm ikkaġunaw inkommodu kbir lil min ipprestahom, ma jikkaġunawx però perdita materjali. Il-preżunzjoni tal-prestazzjoni gratuwita tas-serviġi tirċievi l-applikazzjoni tagħha b'saħħa akbar meta akbar u iżjed intimi jkunu r-rapporti tad-demm fuq imsemmijin bejn il-persuni nteressati;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur Lorenzo Dalmas xehed (fol. 12) li, meta Salvatore Stellini pproponielhom biex joqgħodu miegħu, huwa wegħedhom li jikkompensahom. Qal ukoll li huwa aċċetta dik il-proposta "billi ra li jista' jkollhom profitt, u anki għall-iskop ta' karità". Fuq dan il-pont, il-versjoni tal-attriċi Paolina Dalmas tidher aktar kawta u riżervata, u l-Qorti tirritjeniha iżjed attendibbli. Hija qalet li missierha (fol. 33) kien talabha biex jibqgħu miegħu għaliex lilha kien draha, u qalilha "li miegħu ma jkollhiex telf". B'dan fehmet li kien ser "jagħtiha xi rigal". Fix-xhieda tagħha qalet ukoll li qabel ma żżewġet ma kienetx tagħmel faċċendi fid-dar, għaliex ma kienx hemm x'wieħed jagħmel,

u evidentement għaliex il-faċċendi li kien ikun hemm bżonn kienet tagħmilhom is-serva Carmela Pace. Żiedet tgħid li wara li żżewġet bdiet tmidd idejha, u li minn qabel iż-żwieġ hija bdiet tikkura ruħha;

Mill-premess din il-Qorti hija soddisfatta li ebda promessa esplicita ta' kumpens ma ġiet magħmula minn Salvatore Stellini lill-atturi għas-serviġi u assistenzi li dawn setgħu eventwalment il-quddiem jirrendulu. Bil-kliem "li miegħu ma jitollhomx telf" Stellini ma ntrabatx li jħallas ebda kumpens, iżda ried ifisser li kien jaqblilhom joqgħodu miegħu, għaliex b'hekk kienu jiffrankaw il-kera u l-ispejjeż tal-ilma u tal-elettriku, kif effettivament għamlu għaż-żmien kollu li qagħdu miegħu. Kwantu għar-rigal li l-attriċi Paolina Dalmas stenniet minn missierha, rigali simili huma ġeneralment mistennija mit-tfal li jibqgħu fid-dar u jibqgħu jduru bil-ġenituri tagħhom sal-aħħar ta' ħajjithom. Huwa notorju li fil-ġeneralità tal-każi dawk it-tfal jiġu rimunerati b'legat "a limine intus" bħal ma ġara f'dan il-każ, billi, meta Paolina Dalmas baqgħet weħedha xebba d-dar mal-ġenituri tagħha, dawn ħallewlha legat simili, kif jidher mit-testment tagħhom "unica charta" fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Farrugia tat-8 ta' April 1937 (fol. 178). Apparti d-donazzjoni magħmula minn Salvatore Stellini fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bonello tal-25 ta' Jannar 1952 (fol. 58) favur uliedu kollha, u apparti li l-istess Stellini f'ħajtu qassam bejn l-erbgħa bniet uliedu d-deheb tiegħu u ta' martu, huwa fatt, ammess mill-atturi, li meta bi ħsara tal-gwerra ġew distrutti biċċa mill-mobbli tad-dar ta' Stellini, il-kumpens ta' £260 ġie, bil-kunsens tal-istess Stellini, inkassat u perċepit mill-atturi. L-atturi jgħidu li sar hekk għaliex dawk il-mobbli kienu jiffurmaw parti mill-legat "a limine intus" fuq imsemmi favur l-attriċi Paolina; iżda, skond it-testment, dak il-legat kellu jikkomprendi biss il-mobbli li kienu jinsabu fid-dar "waqt il-mewt tal-aħħar wieħed mit-testaturi"; u billi l-mobbli distrutti ma setgħux ikunu fid-dar meta miet Salvatore Stellini, il-kumpens tagħhom maħruġ mill-War Damage Commission ma setgħax jidħol f'dak il-legat, u l-

inkass ta' dak il-kumpens da parti tal-atturi kien dovut biss għall-att ta' liberalità li Stellini għoġbu jagħmel favur tagħhom. Dina l-liberalità għandha ssib il-motiv tagħha fis-sentiment ta' gratitudini ta' Stellini versu l-atturi talli qagħdu miegħu u pprestawlu xi assistenzi; u l-attriċi Paolina Dalmas messha ħasset li dawk il-£260 missierha tahomlha bħala rigal għar-raġunijiet fuq imsemmijin;

Ikkunsidrat;

Illi, mħabba l-iżjed rapporti stretti u intimi bejn l-atturi u Salvatore Stellini, jiġifieri dawk ta' bint u żewġha minn naħa l-waħda u dawk ta' missier minn naħa l-oħra, u mħabba li l-assistenzi minnhom prestati lil Stellini ma kienux kaġun ta' ebda perdita materjali għalihom, din il-Qorti, in bażi għall-ġurisprudenza fuq ċitata, hija tal-fehma li dawk is-serviġi u assistenzi ġew prestati "pietatis vel familiaritatis causa"; u għalhekk l-atturi ma jistgħux jirreklamaw ebda kumpens għalihom. Is-serviġi u l-assistenzi li l-ulied, anki b'sagrifiċċji kbar, jipprestaw lill-ġenituri tagħhom, ma jistgħux jiġu ritenuti motivati minn skop ta' lukru jew interess, iżda minn dak l-obligu li jitnissel mill-istess liġi tan-natura, u li għandu l-fondament tiegħu fl-imħabba diżinteressata u fir-rispett li l-ulied għandhom ikollhom għall-ġenituri tagħhom. Liema mħabba u rispett, akkoppjati mal-gratitudini għall-kuri, premuri, u sagrifiċċji u tbatijiet tal-ġenituri biex irabbu u jedukaw lill-uliedhom, huma sufficjenti biex jiġġustifikaw l-assenza ta' kwalunkwe intenzjoni jew skop ta' ħlas għal dawk l-assistenzi li l-istess ulied jipprestaw lill-ġenituri tagħhom meta dawn jiġu bżonnhom;

Ikkunsidrat;

Illi bl-att taċ-ċitazzjoni l-atturi qegħedin jirreklamaw ukoll ħlas ta' spejjeż li huma għamlu għall-imsemmi Salvatore Stellini. Dawn l-ispejjeż l-atturi jagħmluhom jikkonsistu f'dawk li huma ħarġu in konnessjoni mal-car li kellu Stellini. F'dan ir-rigward l-attur Lorenzo Dalmas xehed hekk:— "F'Mejju tal-1946 Salvatore Stellini xtara car......";

Fil-likwidazzjoni tal-ispejjeż reklamati, il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi deposti mill-attur Lorenzo Dalmas, akkoppjati mal-fatt riżultat li matul il-perijodu 1946 sa Lulju 1951 il-car ta' Stellini kienet isservi wkoll għall-bżonnijiet tal-istess Dalmas;

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għar-riżultanzi u konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti tillikwida l-ammont dovut lill-atturi għall-ispejjeż minnhom reklamati kif hawn taħt miġjub:—

*Omissis;*

Għalhekk il-bilanċ favur l-atturi jibqa' ta' £115.19.6;

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għal dak li ntqal fuq, l-appell tal-konvenuti għandu jiġi milqugħ fis-sens li t-talba tal-atturi biex jiġi lilhom imħallas kumpens għas-serviġi, kuri u assistenzi minnhom reżi lil Salvatore Stellini għandha tiġi respinta, u li dik l-istess talba, in kwantu li biha l-atturi rreklamaw il-ħlas tal-ispejjeż li għamlu għall-imsemmi Stellini, għandha tiġi milqugħa, iżda limitatament għas-somma ta' £115. 19.6. Għall-istess motivi premessi, l-appell inċidentali tal-atturi ma jistħoqqlux jiġi milqugħ, u għandu jiġi respint;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tiddeċidi billi tiddikjara li l-atturi ma għandhomx dritt għall-kumpens minnhom reklamat għas-serviġi, kuri u assistenzi prestati lil Salvatore Stellini, u għalhekk tirrespinġi d-domanda tagħhom relattiva għall-likwidazzjoni u ħlas ta' dak il-kumpens; u tillikwida f'£115.19.6 il-kreditu tal-istess atturi għall-ispejjeż li għamlu għall-imsemmi Stellini, u tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu lill-atturi ħames sesti (5/6) minn dik is-somma, bħala ħamsa mis-sitt eredi ta' Salvatore Stellini, bl-imgħax legali mil-lum. U fis-sens fuq imsemmi tilqa' l-appell tal-konvenuti u tirriforma s-sentenza appellata, u tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu kwantu għal sebgħa ottavi (7/8) mill-atturi u kwantu għal ottav (1/8) l-ieħor mill-konvenuti. U tirrespinġi l-appell inċidentali tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

---